# Il-bidu ta' l-Iscouts fil-Mosta

MINN CHARLES VELLA

❑ Jista' jingħad mingħajr ma wieħed ikun jiżbalja li l-Grupp ta' l-Iscouts tal-Mosta huwa l-ewwel fost l-għaqdiet taż-żgħażagħ tal-Mosta li beda jaħdem fil-parroċċa tagħna u b'xorti tajba għadu miexi bil-ħidma tiegħu sal-ġurnata tal-lum.



*Grupp tal-A.R.P. (Air Raid Precaution) u żewġ scouts tal-Mosta. Xellug: Emidio Fenech (iz-ziju tal-President tas-Soċjetà Alex Vella). Lemin: L-Awtur Charles J. Vella*

L-Iscouting huwa moviment internazzjonali li jaħdem fost iż-żgħażagħ ta' kull ġens u twemmin bil-għan ewlieni li jagħmel minnhom irġiel tajba u ċittadini siewja billi jnissel fihom sens ta' dmir lejn Alla u ta' mħabba lejn pajjiżhom: iħarreġ liż-żgħażagħ u jgħallimhom b'mezzi ħfief u metodi sempliċi biex jistgħu jkunu ta' ħtieġa lil għajrhom u fl-istess ħin jiżviluppalhom il-personalità tagħhom bi kwalitajiet tajba li jkabbru fihom karattru sod u onest.

L-Iscouts twaqqfu għall-ewwel darba fl-Ingilterra fis-sena 1907 mill-famuż General Sir Robert Baden-Powell. Mill-bidu tiegħu l-Moviment ta' l-Iscouts ġie milqugħ tajjeb u ntgħoġob ħafna minn żgħażagħ ta' kull xorta, hekk li f'qasir żmien xtered man-naħiet tad-dinja kollha. Anki hawn f'Malta, dan il-Moviment daħal kmieni propju ftit tas-snin wara li kien twaqqaf. Il-Mosta kienet waħda mill-ewwel parroċċi tal-Gżira li għarfet is-siwi edukattiv tiegħu u introduċiet il-Moviment liż-żgħażagħ tagħna.

Il-Moviment ta' l-Iscouts daħal fil-Mosta f'Novembru tas-sena 1916 u l-ewwel Scouts tal-Mosta jafu l-bidu tagħhom lil Dun Edgar W. Salomone, qassis ħabrieki minn din il-parroċċa li dak iż-żmien kien ukoll Direttur popolari ta' l-Oratoju 'Qalb ta' Ġesù" tas-subien. L-ewwel Truppa kien jisimha 'Musta Oratory Troop of Boy Scouts' u, naturalment, dan għaliex l-ewwel Scouts tal-Mosta kienu jagħmlu biċċa integrali minn dan l-istess oratorju.

L-ewwel Scout Master kien is-Sur Ċensu Borg, għalliem Mosti, u Dun Edgar Salomone kien ukoll iċ-Chaplain tat-Truppa għalkemm bħala Direttur ta' l-Oratorju kellu kontroll sħiħ fuq l-Iscouts u kien responsabbli għall-kura tagħhom.

Il-Musta Oratory Troop of Boy Scouts kienet ġiet inawgurata formalment fis-7 ta' Jannar 1917. Iċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali saret fl-Oratorju 'Qalb ta' Ġesù" li dak iż-żmien kien jinsab fid-dħul ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, fid-dar li llum iġġib in-numru 191. Preżenti għal dik l-okkażjoni kien hemm il-kbarat tal-Boy Scouts Association of Malta, l-awtoritajiet tal-parroċċa tal-Mosta flimkien ma' ħafna mistednin.

L-aħjar tfal u ġuvintur tal-parroċċa kienu ngħaqdu u ssieħbu f'dan il-Moviment ġdid u għalhekk il-bidu ta' l-Iscouts tal-Mosta kien wieħed tajjeb mibni fuq sisien sodi u kien joffri awgurju sabiħ għall-ġejjieni tat-truppa tagħhom.

Fl-ewwel żmenijiet tagħhom l-Iscouts tal-Mosta kienu jilbsu uniformi tassew simpatika u ta' ilwien imżewqa; qmis ħadra skura, shorts blu skur, maktur ċilesti mdawwar ma' l-għonq u, naturalment, dak il-kappell tradizzjonali ta' kulur kannella. Kienet libsa tabilħaqq sabiħa u tolqot il-għajn hekk li kienet tagħżel l-Iscouts tal-Mosta mill-oħrajn kollha. Imma, mhux biss din il-libsa kienet tagħżel lil tal-Mosta minn Scouts oħra. Sa mill-bidu tagħhom l-Iscouts tal-

Għal paġna 49

*Minn paġna 47*

Mosta irnexxielhom jiksbu isem tajjeb għall-imġieba dixxiplinata u ordni serju f'kull ħidma tagħhom. F'qasir żmien laħqu livell għoli ta' effiċjenza fit-tagħlim u t-taħriġ tagħhom. Kienu minn ta' quddiem u magħrufa mid-*displays* spettakolari li kienu ta' spiss jagħmlu f'*rallies* u laqgħat oħra ta' żmenijiethom.

Il-Mosta Oratory Troop kienet fil-bidu tagħha mdaqqsa ġmielha għax kienet tgħodd 72 scout. Dawn kienu tfal u żgħażagħ fuq ruħhom kollha ġejjin minn familji tajba ta' kundizzjoni soċjali diversa u miġbura min-naħiet kollha tal-Mosta. L-Iscouts żgħar kienu kollha tfal imorru l-iskola u fosthom kien hemm ukoll ħafna ġuvintur li kienu studenti f'kulleġġi u skejjel sekondarji. Għalhekk it-tagħlim ma kienx problema u l-progress ma kienx diffiċli. Tant kien hekk li mill-ewwel l-Iscouts tal-Mosta kienu f'kollox meqjusa minn ta' quddiem għall-ħeġġa u l-ħila li kienu juru.

Waqt *rally* kbir ta' l-Iscouts ta' Malta kollha li kien sar f'Misraħ il-Palazz fil-Belt Valletta fil-11 ta' Frar 1917, l-Arċisqof ta' Malta Mons. Dom Mauro Caruana kien bierek sollennement il-bandiera tal-Musta Oratory Troop of Boy Scouts quddiem ġemgħa kbira ta' kbarat u nies.

L-Iscouts tal-Mosta kienu jieħdu l-ispirazzjoni tagħhom miċ-Chaplain tat-Truppa tagħhom Dun Edgar Salomone, li, taħt il-gwida u l-ħarsien tiegħu, il-Musta Oratory Troop kisbet fama u rispett. Għall-aħħar tas-sena 1917, Dun Edgar kien ivvolontarja ruħu għas-servizz tal-gwerra u għalhekk kellu jitlaq u jħalli l-Iscouts warajh biex imur iservi bħala Kappillan Militari fuq il-kamp tal-battalja fil-Balkani. Din kienet telfa kbira għall-Iscouts tal-Mosta li issa kellhom jimxu iżjed għal rashom. B'dan kollu, huma baqgħu sejrin b'xogħolhom minkejja diffikulajiet li ltaqgħu magħhom.

Fis-snin ta' wara l-Iscouts kellhom iħabbtu wiċċhom ma' ħafna nkwiet saħansitra huma kellhom jissieltu għall-istess eżistenza tagħhom. Meta l-Oratorju tqiegħed f'dar oħra aktar imwarrba, l-Iscouts inqatgħu minnu u krew kamra għalihom. Imma kienet l-emigrazzjoni ta' l-ewwel għoxrinijiet li kienet bdiet tħarbathom u tnaqqihom.

Il-qagħad u n-nuqqas ta' xogħol ġiegħel ħafna mil-Iscouts żgħażagħ iħarsu lejn pajjiżi 'l bogħod minn gżiritna fejn setgħu jfittxu x-xogħol biex jiksbu l-għixien tagħhom. Ħafna scouts mill-aħjar u l-iżjed imħeġġa fosthom *leaders* imħarrġa kellhom jitilqu u jsiefru lejn l-Amerika u l-Awstralja biex hemm jgħammru għal kollox u jgħixu ħajja ġdida.

Minn hawn 'il quddiem kienu żmenijiet xejn sbieħ għall-iscouts tal-Mosta għax matulhom iltaqgħu ma' ħafna tiġrib u għaddew minn bosta tfixkil. Għal kemm-il sena, it-Truppa baqgħet miġbura u magħquda u l-iscouts baqgħu sejrin bil-ħidma u l-laqgħat tagħhom taħt is-saqaf tal-*headquarters* tagħhom sakemm, għall-ħabta ta' l-1927, minħabba nuqqas ta' fondi, sfaw mingħajr kenn fejn huma setgħu jingabru u jitħadtu. Bla post għalihom, u mingħajr laqgħat bejniethom, l-iscouts tal-Mosta bdew issa jinxterdu u jitbegħdu dejjem iżjed minn xulxin hekk li anki d-dehra tagħhom bil-ftit il-ftit naqset għal kollox u ġiet fix-xejn!



**Il-President ta' Malta l-E.T. il-Prof. Guido de Marco jifraħ lis-Sur Charles J. Vella GSL meta ġie onorat b'għoti tas-Silver Dolphin**

Għalkemm għal xi żmien wara, l-iscouts tal-Mosta ma kellhom imkien fejn setgħu jiltaqgħu bejniethom, l-ispirtu mħeġġeġ tagħhom, baqa' dejjem jixgħel u jaqbad fihom hekk li ma' l-ewwel sforz li ttieħed huma malajr irxuxtaw u ħadu dik il-ħajja u enreġija li għaliha l-iscouts huma tant magħrufa.

Fil-bidu tas-sena 1932, hekk kif il-Kurunell P.R. Worrall laħaq Island Commissioner ta' l-iscouts ta' Malta, huwa fetaħ kampanja qawwija għall-qawmien sħiħ tal-Moviment ta' l-Iscouts ma' Malta u Għawdex. Kull belt u raħal bdew

*Għal paġna 51*

*Minn paġna 49*

iwiegħbu tajjeb għal din is-sejħa u l-Kurunell Worall waħħalha f'rasu li ma jħalli xejn nieqes biex iġiegħel l-iscouts tal-Mosta jieqfu mill-ġdid fuq saqajhom u jerġgħu jieħdu posthom ma' l-iscouts l-oħra ta' Malta bl-isem tajjeb u l-fama li kellhom fl-imgħoddi. U hekk ġara għax fl-iqsar żmien l-iscouts fil-Mosta reġgħu qamu sħaħ u qawwija xejn inqas minn dawk ta' qabilhom.

Il-Group Scout Master il-ġdid kien is-Sur Carmelo Tabone-Adami, pijunier tal-Mosta Oratory Troop u Scouter antik u ta' esperjenza. Scouters u scouts oħra, kollha anzjani, ġew lura biex jgħinu fir-riorganizzazzjoni u r-reklutaġġ tal-grupp il-ġdid li fi ftit ġimgħat tgħaqqad u twaqqaf b'demm ġdid u żagħżugħ.

L-ewwel laqgħa saret fid-19 ta' April 1932 f'garaxx imxattar fil-bidu ta' Triq Gafà fejn l-iscouts bdew dlonk jinġabru biex jitgħallmu u jitħarrġu.

It-tabib Rosario Mizzi inħatar bħala patrun tal-Grupp tal-Mosta u dan kellu miegħu kumitat ta' nies oħra magħrufa fil-Mosta biex jgħinu fil-bżonnijiet tal-Grupp.

Kien is-Sibt wara nofsinhar, f'wieħed mill-jiem ta' Ġunju 1932, meta saret l-Investitura ta' dawn l-iscouts ġodda u kull wieħed minnhom għamel il-wegħda solenni tiegħu billi jobdi u jħares il-liġi ta' l-Iscouts. Iċ-ċerimonja saret fil-beraħ fil-Pjazza tal-Knisja tal-Mosta quddiem ġemgħa ta' nies. Għall-okkażżjoni kien hemm il-Kurunell Worrall, l-Arċipriet Dun Girgor Borg, it-Tabib R. Mizzi bil-Kumitat tiegħu u ħafna mistednin oħra fosthom Sir Percy Everett, wieħed miċ-Chief Scout Commissioners ta' l-Ingilterra li dak iż-żmien inzerta kien Malta.

Dakinhar kienet l-ewwel darba meta l-iscouts tal-Mosta dehru mill-ġdid fil-beraħ libsin bluniformi tagħhom. Kienet l-ewwel parata tagħhom minn meta kienu reġgħu ffurmaw ruħhom. L-Island Commissioner kellimhom u ferħilhom quddiem kulħadd talli fi żmien daqshekk qasir il-Grupp tal-Mosta rnexxielu jinġabar u jlaħħaq iżjed minn 50 scout. Ħeġġiġhom biex jiksbu s-suċċessi li bihom fl-imgħoddi l-Iscouts tal-Mosta kienu magħrufa.

Dak il-jum stess, quddiem ħafna mistednin, l-Arċipriet bierek il-Grupp u l-Headquarters tagħhom. L-għada, li kien il-Ħadd, saret Church Parade fil-knisja parrokkjali fost il-ferħ u l-entużjażmu ta' l-iscouts ġodda.

Il-Grupp baqa' jikber u jiżviluppa. Għat-tfal iżjed ċkejknin, fetħet il-fergħa tal-Wolf Cubs u għall-iżjed kbar twaqqfu ir-Rover Scouts. Għalhekk il-Grupp tal-Mosta issa kien kiber fl-elementi kollha tiegħu. Il-Grupp wiret l-ispirtu antik li bih kienu mogħnija l-ewwel scouts u dan deher fir-rieda u fil-ħerqa li kellhom l-iscouts t' issa biex iżommu u jimxu fit-tradizzjonijiet li kienu għaddewlhom l-iscouts ta' qabilhom.

Iż-żmien li wara għaddew minnu l-Iscouts tal-Mosta ma kienx kollu kwiet u sabiħ għax huma għaddew minn ħafna taqlib u waqtiet koroh. Matul is-snin huma kellhom jgħaddu min inżul u tlugħ u raw ħafna tibdil. Fil-bidu ta' l-1939 l-Iscouts tal-Mosta sabu ruħhom mill-ġdid fl-'Oratorju 'Qalb ta' Ġesù' fejn id-Direttur, Dun Karm Xiberras, kien laqagħhom bil-qalb u tahom l-appoġġ tiegħu. Imbagħad faqqgħet il-gwerra u din għamlet ħerba minn kollox u fixklet il-ħajja ta' kulħadd tant li lanqas l-iscouts ma ħelsu mill-ħruxija tagħha għal kollox.

Mal-waqfien tal-gwerra fl-1945, Malta ħadet il-ħajja mill-ġdid u kollox beda riesaq lura għal postu. Kien ukoll f'dak iż-żmien meta s-Sur Carmelo Schembri, li kien il-Group Scout Master, mgħejjun tajjeb minn sħabu l-iscouters l-oħra, kien ħa ħsieb biex jiġbor il-Grupp tiegħu mill-fdal li ħalliet il-gwerra, jirriorganizzah u jagħtih ħajja ġdida. Kien sforz tabilħaqq tajjeb li ħoloq tiġdid u qawmien fl-Iscouts tal-Mosta u fawwar il-Grupp tagħhom b'demm ġdid u mlihom b'ħajja oħra. Minn dak iż-żmien 'l hawn l-Iscouts tal-Mosta għaddew minn ġrajja għal oħra, megħdija f'sensiela ta' ħidma kontinwa li żammithom miġbura u magħquda. Illum, wara 85 sena ta' attività, il-Grupp tal-Mosta, immexxi bil-għaqal mill-Group Scout Leader, is-Sur Charles Vella, għadu ħaj u wieqaf, jaħdem u jħares lejn il-ġejjieni biex, bħal ma jgħid il-motto ta' l-iscouts, ikun dejjem lest għal dak kollu li jista' jinqala'.

Ta' min isemmi li s-Sur Charles Vella ilu għal dawn l-aħħar 41 sena Group Scout Leader ta' l-Iscouts tal-Mosta. Ta' min jgħid ukoll li l-Grupp tal-Mosta hu wieħed mill-aħjar Gruppi ta' l-Iscouts ta' Malta li jħaddan iżjed minn 120 membri, subien u bniet, ta' kull età minn seba' snin 'il fuq.

Is-Sur Charles Vella ilu fil-Moviment ta' l-Iscouts għal dawn l-aħħar 63 sena, sa mill-1939 u serva bħala Scout Telephone Operator ma' l-A.R.P. (Air Raid Precaution) fl-aħħar Gwerra Dinjija fl-età żgħira ta' 14-il sena.

L-Iscout Association ta' Malta, fil-'Founder's Day', 21ta' Frar 2002 onorat lis-Sur Vella bl-għoti tas-Silver Dolphin, l-ogħla dekorazzjoni ta' l-Iscouts bħala rikonoxximent tas-servizz twil eċċezzjonali li ta lill-Moviment ta' l-Iscouts.